


# Il-Perit Ġużeppi Pace

**Kitba ta' Irma Farrugia Cassano – Bint Alfonso Pace**



Dan l-aħħar, fil-Gudja, issemmiet triq għall-Perit Ġużeppi Pace. Tajjeb li nkunu nafu xi ħaġa dwar dan il-persunaġġ.

Hu twieled il-Gudja fil-21 ta' Marzu 1860, iben Grazio Pace u Tereza Micallef. Grazio u Tereza kellhom erbat itfal oħra, u d-dixxendenti tagħhom huma mxerrdin ma' Malta kollha, inkluż il-Gudja. Jinsabu wkoll fl-Awstralja u fil-Kanada.

Il-familja ta' Ġużeppi stinkat biex it-tifel imur il-Liceo (li dak iż-żmien kien bil-ħlas) fi Triq il-Merkanti, il-Belt, ħdejn il-Knisja tal-Ġiżwiti. Għamel il-Matrikola, u daħal l-Università (li kienet ukoll bi ħlas), li dak iż-żmien kien fi Triq San Pawl, il-Belt.

Ta' 18-il sena rebaħ Premju tad-Disinn għax ġie l-ewwel fil-kors. Iggradwa bħala Perit, u tawh il-*warrant* fl-14 ta' Ottubru 1884. Interessanti li wieħed jinnota li l-*warrant,* maħruġ mill-Gvernatur Simmons, hu stampat bl-Ingliż, iżda t-tagħlim fl-Università kien bit-Taljan, kif jixhdu xi noti tal-perit li jġibu d-data 1880.

Daħal perit mal-Gvern, u kien inkarigat fin-nofsinhar ta' Malta, għalhekk kien jaqbillu li jmur joqgħod Ħaż-Żabbar, fejn għex il-biċċa kbira ta' ħajtu sakemm miet. Hu għamel ħafna proġetti li ma fadlilniex dokumenti dwarhom.

F'dak iż-żmien – qed nitkellmu għall-ħabta tal-1890 – hu kellu viżjoni biex jagħmel ħafna toroq dritti u wesgħin. Fetaħ triq mill-Mina ta' Hompesch, fit-tarf ta' Ħaż-Żabbar, saż-Żejtun. Din għamilha dritta, u billi ma tawhx permess jagħmilha wiesgħa kemm ried hu, ħawwel siġar taċ-ċawsli fuq iż-żewġ naħat, bil-ħsieb li 'l quddiem tista' titwessa għax jaqilgħu s-siġar, kif fil-fatt ġara.

F'Ħaż-Żabbar hu xtara dar kbira ħafna u sabiħa fi Triq is-Santwarju, xi 6 metri 'l bogħod mill-knisja. Għandha statwa ta' San Ġużepp fil-kantuniera. Fiha ġnien kbir ħafna li jibqa' sejjer sa' Triq id-Dejqa. Il-Perit naqqas ftit il-kobor tad-dar, billi ha minnha tliet mezzanini, u xorta baqgħet kbira.

Dak iż-żmien, Triq is-Santwarju kienet tasal biss sa ħdejn l-istatwa tal-Madonna u l-pjazza, fejn sa ftit snin ilu, kien hemm il-venda tal-karozzi. Hu tawwalha sa ħdejn in-niċċa ta' San Nikola, jiġifieri ħdejn it-triq li tagħti għax-Xgħajra, imma sab li ħadd ma ried imur joqgħod daqshekk 'il bogħod mill-knisja.

Il-Perit Pace, biex jagħmlilhom kuraġġ, xtara biċċa art, 'l isfel ħafna tat-triq (kważi quddiem iċ-ċinema *Royal*) u fl-1896 bena dar sabiħa u mar joqgħod hemm. Din id-dar, li għandha n-numri 217 u 219, kienet imdawra bl-għelieqi, u ftit xhur wara li mar joqgħod hemm, daħlulu l-ħallelin min-naħa tal-ġnien. Il-mara tiegħu Carmela beżgħet ħafna u ma riditx tibqa' tgħix hemm. L-aqwa kien li lin-nies ħajjarhom jibnu 'l hemm isfel, u biż-żmien it-triq inbniet kollha!

Fortunatament, id-dar numru 36 ma kienx neħħiha, u reġgħu marru joqogħdu fiha. Dawn id-djar li semmejt għadhom tan-neputijiet tal-Perit Pace. Hu kellu tlett itfal, Ġużeppi (1890 – 1974), Alfonso (1902-1978) u Pia (1903-1965) li mietet xebba. In-neputijiet tal-perit joqogħdu r-Rabat, Raħal Ġdid, in-Naxxar u tas-Sliema.

Kien imqabbad mill-Gvern biex jibni skola primarja Ħaż-Żabbar fl-1905, u oħra fiż-Żejtun. Din tal-aħħar hi sabiħa ferm, bil-kolonni u l-ġnien madwarha; kellu ħafna iktar art biex jibni milli kellu f'Ħaż-Żabbar.

Fl-1910, il-knisja ta' Ħaż-Żabbar kienet żgħira għall-popolazzjoni li kienet qed tiżdied. Il-Perit Pace ġie inkarigat biex jagħmel il-pjanti biex tikber il-knisja. Hu żied tliet navi fuq kull naħa tal-korsija. Billi l-koppla li kien hemm kienet ixxaqqet f'terremot li kien sar ħafna snin qabel, kellha tinbena koppla ġdida li tlestiet fl-1927. Il-pjanta tal-koppla ffirmata mill-Perit għadha teżisti. Il-Perit għamel dan ix-xogħol kollu tal-knisja b'xejn, kif tixhed il-lapida bil-Latin li hemm fuq il-bieb tal-lemin tas-Santwarju.




*Il-perit Ġużeppi Pace (1860-1933) u martu Carmela mwielda Debono (1865-1929)*





*Id-dar ta' ħdejn il-knisja ta' Ħaż-Żabbar Nru 36, (issa Nru 42) Triq is-Santwarju fejn kien joqgħod il-perit. Din inbniet xi 400 sena ilu. Fir-ritratt jidher ukoll Joe Farrugia Cassano, ir-raġel ta' Irma, li kitbet l-artiklu.*



*Il-Perit ħa dan ir-ritratt tal-kampnar ta' William Baker fil-Gudja, mill-bejt tad-dar tiegħu, 52 Triq il-Kbira, Gudja. Pawlina Baldacchino, li kienet tgħix f'din id-dar, hija n-neputija ta' ħu l-Perit.*

HUIUS TEMPLI ET THOLIUM
ET ALAS
JOSEPH PACE I.C.&A.
GRATIS ET AMORE
ERIGENDAS DISIGNAVIT
DIREXITQUE
LXXIII ANNUS OB
MCMXXXIII

Il-Perit kien ħabib ħafna ta' Patri Feliċjan Grech O.P. li xtaq jibni Istitut għall-orfni u t-tfal foqra. Għalhekk iddisinja b'xejn pjanta tal-Istitut, kif ukoll il-knisja tal-Istitut. Dan l-orfanatrofju jinsab ftit qabel il-*bypass* ta' Wied il-Għajn, u ssemma minn Patri Feliċjan għal San Ġużepp, il-qaddis patrun tal-Perit.

Fil-faċċata tal-knisja tal-Istitut hemm l-arma tal-kunjomijiet Grech u Pace minquxa fil-ġebel, waħda fuq kull naħa tal-figura ta' San Ġużepp. Fis-sajf tal-1933, saħħet il-Perit bdiet tmur lura ħafna. Miet fil-festa tad-Duluri, fil-15 ta' Settembru 1933. Hu midfun f'qabar fil-kappella taċ-Ċimiterju ta' Ħaż-Żabbar, li l-parroċċa tagħtu b'radd ta' ħajr tal-ġid li għamel fl-istess belt.



Nawguraw lil **Stephanie Ellul** LL.B. Not. Pub. għas-suċċess tagħha li gradwat bħala nutar.





"Nifirħu lil dawn iż-żewġt aħwa li temmew b'suċċess il-kors tagħhom u fi ftit ġranet oħra jiggradwaw. Nawgurawlhom."
**Caroline Galdes** – Doctor of Medicine
**Martina Galdes** – Speech-Language Pathologist